MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Numru 409/1991

Il-Pulizija
(Supretendent Lawrence Cauchi)
(Spettur Martin Bayliss)
vs
Roger Sullivan, Henry Cassar, Mario Attard,
Carmel sive Charles Abela u Angelino sive Lino Abela

Illum 17 ta' April 2007.

IL-QORTI

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati u dan talli f'dawn il-gzejjer matul u bejn is-16 ta' Settembru 1989 u l-15 ta' Ottubru 1989 b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Lil Roger Sulivan talli fi zmien imsemmi iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta gew

ippresentati rcieva bihom hlas jew ha rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank privat jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
b) Xjentement ghamel uzu minn dokument falsifikat imsemmi fl-akkuza (a)
c) Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-attijiet jew skritturi wara li kienu gew iffurmati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fattijiet, illi dawk l-attijiet jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
d) Xjentement ghamel uzu mid-dokumenti foloz imsemmija fl-akkuza (c).
e) Sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal xi haddiehor f'xi dokumenti mahsuba ghall xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;
f) B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz jew ta' hila setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex iqanqal jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn LM50,000.00 izda anqas minn LM100,000.00 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.
g) Bhala direttur tal-Kumpannija Fruit and Fish Importers Company Limited u White Star Company Limited, bejn is-16 ta Settembru 1989 u il-15 ta' Ottubru 1989 xjentement importa tlett containers/trailers jigifieri:
<u>1. COMEU 100102/2</u> li kien fih 2088 kartuna bi 12 il-flixkun ta' 0.75 litru nbid kull wahda, valur LM13268.60,6 volum 18792 litri, Dazju LM31194.72 u 10 kaxxi bi 15 il-flixkun ta' 0.70 litru kull wahda Long John Whisky, valur LM421.13,3 volum 105 litri, dazju LM413.70.
<u>2. COMEU 100103/3</u> li kien fih 1504 kartuna bi 30 pakkett ta' 500 gram kull wahda ghagin valur LM5752.16,7 piz 22560kg, dazju LM2588.47,5 u levy LM4512.00,0. u.

3. ITLU 517801/6 li kien fih 40 kartuna b'2750 bicca hwejjeg, valur LM12113.33,2 dazju LM5450.99,9 u 150 kaxxa bi 12 il-flixkun tal-litru kull wahda Biter Campari valur LM4019.73,3 volum 1800 litru, dazju LM7092.00,0; 21 kaxxa li kien fihom 166 flixkun ta' 0.700 litru kull wiehed u 92 flixkun ta' 0.750 litru kull wiehed xorb alkoholiku varjat, valur LM512.54,2 volum 185.2 litru, dazju LM729.68,8; 754 kaxxa bi 12 il-flixkun ta' 0.75 litru kull wahda inbid valur LM4851.93,4 volum 6786 litru dazju LM11264.76,0; 2 kaxxi televisions sets valur LM233.70,5 dazju LM300.00,0; 211 il-kaxxa ghagin valur LM702.51,8 piz 3006 kgs, dazju LM316.13,3 levy LM601.20,0; 69 kaxxa frott tal-landi, valur LM416.93,0, piz 1053.144 kgs dazju LM145.92,5 levy LM631.88,6 u 271 kaxxa cikkulata valur LM2198.10,8 piz 813kgs, dazju LM879.24,3 levy LM1138.20,0 ; u bil-hsieb li jevadi d-dazju dovut u r-ristrizzjonijiet tal-importazzjoni xjentement iddikjara fit-19/9/89, fit-13/10/89 u fit-30/10/89 rispet-tivament li dawn it-tlett containers mimlija kienu se jigu ri-esportati u wara fl-20/9/89, fis-6/10/89 u fit-18/10/89 bil-ghajnuna tal-fizzjal tad-dwana Henry Cassar, tal-gwardjan tad-dwana Mario Attard u tal-burdnara Carmel sive Charles Abela u Angelino sive Lino Abela flok ma ipprezenta dawn il-containers biex jitghabbew fuq il-vapur illegalment warrrab mill-post ta' kustodja l-containers imsemmija qabel ma dawn gew spezzjonjati mill-ufficjal inkarigat tad-dwana u qabel ma d-dazju u l-levy dovuti gew imhallsa jew kawtelati.

h) Bhala direttur tal-Kumpanniji imsemmija fl-akkuza (g) talli fl-istess zminijiet u cioe bejn is-16/9/89 u fl-15 /10/89 xjentement importa zewg containers/trailers jigifieri COMEU 100103/3 li kien fih hekk kif muri fl-akkuza (g); ITLU 517801/6 li kien fih hekk kif ukoll jidher fl-akkuza (g) u dan bil-hsieb li jevadi l-Levy dovuta u restrizzjonijiet ta' l-importazzjoni, xjentement iddikjara fit-13/10/89 u fit-30/10/89 rispettivament li dawn iz-zewg containers mimlija kienu se jigu riesportati wara is-6/10/89 u fit-18/10/89 bil-ghajnuna tal-fizzjal tad-Dwana Henry Cassar u l-Gwardjan tad-Dwana Mario Attard u tal-burdnar Carmel sive Charles Abela u Angelino sive Lino Abela, flok ma ippresenta dawn il-containers biex jitghabbew fuq il-vapur, illegalment warrab mill-post ta' kustodja l-containers imsemmija qabel

ma dawn gew spezzjonati mill-ufficjal inkarigat tad-dwana u qabel ma l-levy dovut giet imhallsa jew kawtelata.

Henry Cassar biss gie akkuzat talli:

i) Bhala ufficjal tad-dwana fis-27/9/89 u fit-30/9/89 bl-ghemil tieghu, xjentement ghen lil Roger Sullivan biex jinharbu d-dazji ta' importazzjoni u restrizzjonijiet ta' importazzjoni fuq tlett containers jigifieri:

1. COMEU 100102/2 li kien fih 2088 kartuna bi 12 il-flixkun ta' 0.75 litru nbid kull wahda, valur LM13268.60,6 volum 18792 litri, Dazju LM31194.72 u 10 kaxxi bi 15 il-flixkun ta' 0.70 litru kull wahda Long John Whisky, valur LM421.13,3 volum 105 litri, dazju LM413.70.

2. COMEU 100103/3 li kien fih 1504 kartuna bi 30 pakkett ta' 500 gram kull wahda ghagin valur LM5752.16,7 piz 22560kg, dazju LM2588.47,5 u levy LM4512.00,0. u

3. ITLU 517801/6 li kien fih 40 kartuna b'2750 bicca hwejjeg, valur LM12113.33,2 dazju LM5450.99,9 u 150 kaxxa bi 12 il-flixkun tal-litru kull wahda Biter Campari valur LM4019.73,3 volum 1800 litru, dazju LM7092.00,0; 21 kaxxa li kien fihom 166 flixkun ta' 0.700 litru kull wiehed u 92 flixkun ta' 0.750 litru kull wiehed xorb alkoholiku varjat, valur LM512.54,2 volum 185.2 litru, dazju LM729.68,8; 754 kaxxa bi 12 il-flixkun ta' 0.75 litru kull wahda inbid valur LM4851.93,4 volum 6786 litru dazju LM11264.76,0; 2 kaxxi televisions sets valur LM233.70,5 dazju LM300.00,0; 211 il-kaxxa ghagin valur LM702.51,8 piz 3006 kgs, dazju LM316.13,3 levy LM601.20,0; 69 kaxxa frott tal-landi, valur LM416.93,0, piz 1053.144 kgs dazju LM145.92,5 levy LM631.88,6 u 271 kaxxa cikkulata valur LM2198.10,8 piz 813kgs, dazju LM879.24,3 levy LM1138.20,0 meta ikkonferma li dawn l-istess congtainer/trailers mimlija kienu tghabbew fuq il-vaupur Emadala/sub fis-27/9/89 u t-tnejn l-ohra fuq vapur Salahala/sub fit-30/10/89 u b'hekk ippermetta li dawn il-containers/trailers jitwqarrbu mill-post tal-kustodju minghajr ma jigu spezzjonati mill-ufficjal inkarigat tad-Dwana u qabel mad-dazju u levy dovuti gew imhallsa jew kawtelati

4. Talli fit-30/10/89 bl-ghemil tieghu xjentement ghen lil Roger Sullivan biex tinharab il-levy fuq l-importazzjoni u restrizzjonijiet ta' importazzjoni fuq zewg containers /trailers jigifieri: Comeu 100103/3 li kien fih hekk kif jidher fl-akkuza (i); ITLU li kien fih hekk kif jidher fl-akkuza (i). U dan billi ghamel dikjarazzjoni falza meta ikkonferma li dawn l-istess containers/traliers mimlija kienu tghabbew fuq il-vapur Salahala/sub fit-30/10/89 u b'hekk ippermetta li dawn il-containers/trailers jitwarrbu mil-post ta' kustodja minghajr ma jigu spezzjonati mill-ufficjal inkarigat tad-dwana u qabel ma l-levy dovuta giet imhallsa jew kawtelata.

Mario Attard biss gie akkuzat talli bhala gwardjan tad-Dwana fl-20/9/89 u fit-18/10/89 bl-ghemil tieghu xjentement ghen lil Roger Sullivan biex jinharbu d-dazji ta' importazzjoni u restrizzjonijiet ta' importazzjoni fuq tlett containers/trailers jigifieri:

1. COMEU 100102/2 li kien fih 2088 kartuna bi 12 il-flixkun ta' 0.75 litru nbid kull wahda, valur LM13268.60,6 volum 18792 litri, Dazju LM31194.72 u 10 kaxxi bi 15 il-flixkun ta' 0.70 litru kull wahda Long John Whisky, valur LM421.13,3 volum 105 litri, dazju LM413.70.

2. COMEU 100103/3 li kien fih 1504 kartuna bi 30 pakkett ta' 500 gram kull wahda ghagin valur LM5752.16,7 piz 22560kg, dazju LM2588.47,5 u levy LM4512.00,0. u

3. ITLU 517801/6 li kien fih 40 kartuna b'2750 bicca hwejjeg, valur LM12113.33,2 dazju LM5450.99,9 u 150 kaxxa bi 12 il-flixkun tal-litru kull wahda Biter Campari valur LM4019.73,3 volum 1800 litru, dazju LM7092.00,0; 21 kaxxa li kien fihom 166 flixkun ta' 0.700 litru kull wiehed u 92 flixkun ta' 0.750 litru kull wiehed xorb alkoholiku varjat, valur LM512.54,2 volum 185.2 litru, dazju LM729.68,8; 754 kaxxa bi 12 il-flixkun ta' 0.75 litru kull wahda inbid valur LM4851.93,4 volum 6786 litru dazju LM11264.76,0; 2 kaxxi televisions sets valur LM233.70,5 dazju LM300.00,0; 211 il-kaxxa ghagin valur LM702.51,8 piz 3006 kgs, dazju LM316.13,3 levy LM601.20,0; 69 kaxxa frott tal-landi, valur LM416.93,0, piz 1053.144 kgs dazju LM145.92,5 levy LM631.88,6 u 271 kaxxa cikkulata valur LM2198.10,8 piz 813kgs, dazju LM879.24,3 levy

LM1138.20,0 meta ikkonferma li dawn l-istess congtainer/trailers mimlija kienu tghabbew fuq il-vaupur Emadala/sub fis-27/9/89 u t-tnejn l-ohra fuq vapur Salahala/sub fit-30/10/89 u b'hekk ippermetta li dawn il-containers/trailers jitwqarrbu mill-post tal-kustodju minghajr ma jigu spezzjonati mill-ufficjal inkarigat tad-Dwana u qabel mad-dazju u levy dovuti gew imhallsa jew kawtelati.

Kif ukoll talli fis-6 ta' Ottubru 1989 u fit-18/10/89 bl-ghemil tieghu, xjentement ghen lil Roger Sullivan biex tinharab il-levy fuq l-importazzjoni u restrizzjonijiet ta' importazzjoni fuq zewg containers/trailers jigifieri: Comeu 100103/3 li kien fih hekk kif jidher fl-akkuza (i); ITLU li kien fih hekk kif jidher fl-akkuza (i). U dan billi ippermetta li dawn il-contaniers /trailers jitwarrbu mil-post ta' kustodja minghajr ma jigu spezzjonati mill-ufficjal inkarigat tad-dwana u qabel ma l-levy dovuta giet imhallsa jew kawtelata.

Fil-konfront ta' <u>Henry Cassar u Mario Attard</u> talli b'komplicita fl-akkuza (a) sa (h) imsemmija fuq peress li b'xi mod ghenu jew assistew lil Roger Sullivan fl-atti li bihom id-delitti gew preparati jew ikkunsmati kif ukoll talli fl-istess zmien f'dawn il-gzejjer sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghall haddiehor, f'xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrijiet faloz jew taw taghrif falz u dan bhala ufficjali jew impjegati pubblici li minhabba fil-kariga jew impieg taghhom kellhom id-dmir jissorveljaw li ma jsirx minhabba il-kariga taghhom huma kellhom id-dmir li jimpedixxu.

Fil-konfront ta' <u>Carmel sive Charles Abela u lill Angelino sive Lino Abela</u> talli bhala burdnara fl-20/9/89 u fit18/10/89 xjentement ghenu lil Roger Sullivan biex jinharbu d-dazji ta' importazzjoni u restrizzjonijiet ta' importazzjoni fuq tlett containers/trailers jigifieri:
<u>1. COMEU 100102/2</u> li kien fih 2088 kartuna bi 12 il-flixkun ta' 0.75 litru nbid kull wahda, valur LM13268.60,6 volum 18792 litri, Dazju LM31194.72 u 10 kaxxi bi 15 il-flixkun ta' 0.70 litru kull wahda Long John Whisky, valur LM421.13,3 volum 105 litri, dazju LM413.70.

2. COMEU 100103/3 li kien fih 1504 kartuna bi 30 pakkett ta' 500 gram kull wahda ghagin valur LM5752.16,7 piz 22560kg, dazju LM2588.47,5 u levy LM4512.00,0. u
3. ITLU 517801/6 li kien fih 40 kartuna b'2750 bicca hwejjeg, valur LM12113.33,2 dazju LM5450.99,9 u 150 kaxxa bi 12 il-flixkun tal-litru kull wahda Biter Campari valur LM4019.73,3 volum 1800 litru, dazju LM7092.00,0; 21 kaxxa li kien fihom 166 flixkun ta' 0.700 litru kull wiehed u 92 flixkun ta' 0.750 litru kull wiehed xorb alkoholiku varjat, valur LM512.54,2 volum 185.2 litru, dazju LM729.68,8; 754 kaxxa bi 12 il-flixkun ta' 0.75 litru kull wahda inbid valur LM4851.93,4 volum 6786 litru dazju LM11264.76,0; 2 kaxxi televisions sets valur LM233.70,5 dazju LM300.00,0; 211 il-kaxxa ghagin valur LM702.51,8 piz 3006 kgs, dazju LM316.13,3 levy LM601.20,0; 69 kaxxa frott tal-landi, valur LM416.93,0, piz 1053.144 kgs dazju LM145.92,5 levy LM631.88,6 u 271 kaxxa cikkulata valur LM2198.10,8 piz 813kgs, dazju LM879.24,3 levy LM1138.20,0 meta ikkonferma li dawn l-istess congtainer/trailers mimlija kienu tghabbew fuq il-vaupur Emadala/sub fis-27/9/89 u t-tnejn l-ohra fuq vapur Salahala/sub fit-30/10/89 u b'hekk ippermetta li dawn il-containers/trailers jitwqarrbu mill-post tal-kustodju minghajr ma jigu spezzjonati mill-ufficjal inkarigat tad-Dwana u qabel mad-dazju u levy dovuti gew imhallsa jew kawtelati.

Talli bhala burdnara fis-6/10/89 u fit18/10/89 xjentement ghenu lil Roger Sullivan biex tinharab il-levy fuq l-importazzjoni u restrizzjonijiet ta' importazzjoni fuq zewg containers /trailers jigifieri: Comeu 100103/3 li kien fih hekk kif jidher fl-akkuza (i); ITLU li kien fih hekk kif jidher fl-akkuza (i). U dan billi warrbu mill-post ta' kustodja dawn il-containers/traliers qabel ma gew ezaminati mill-ufficjal inkarigat mid-Dwana u qabel ma l-levy dovuta giet imhallsa jew kawtelata.

Kif ukoll talli f'dawn il-gzejjer fl-istess zmien b'komplicita fl-akkuzi minn (a) sa (h) imsemmija b'xi mod ghenu jew assistew lil Roger Sullivan fl-atti li bihom id-delitti gew ippreparati jew ikkunsmati.

U talli fl-istess zmien sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghall haddiehor, f'xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrijiet foloz jew taw taghrif falz.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex f'kaz ta' htija, terz tal-piena ta' flus moghtija fil-konfront tal-hames imputati jitqies bhala dejn civili.

Rat id-dokumenti esebiti in atti a fol 17 sa fol 32.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 1113 sa fol 1115a et seq ibid) u li biha, billi dehrlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputati a bazi tal-kumpilazzjoni in ezami taht dak li hemm mahsub fl-artikoli

Fil-konfront ta' Henry Cassar biss:

a) 18,42 u 533 tal-Kodici Kriminali u 18,60 (a) (c) (e),61, 62 (a) (b) (c) (e) (f)(h) (i) (k) (m) tal-Kap 37;
b) 18, 42 u 533 tal-Kodici Kriminali u 7(1) u 12 tal-Kap 336;
c) 42, 167(1) u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
d) 42, 169, 18, u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
e) 42, 183, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
f) 42, 184, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
g) 42, 188, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
h) 42, 308, 310(1) (a), 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
i) 18, 61, 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Kap 37 u 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
j) 7(1) u 12 tal-Kap 336 u 18, 42, u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
k) 188, 141, u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
l) 185, 141, u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;

Fil-konfront ta' Mario Attard biss

a) 18,42 u 533 tal-Kodici Kriminali u 18,60 (a) (c) (e),61, 62 (a) (b) (c) (e) (f)(h) (i) (k) (m) tal-Kap 37;

b) 18, 42 u 533 tal-Kodici Kriminali u 7(1) u 12 tal-Kap 336;
c) 42, 167(1) u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
d) 42, 169, 18, u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
e) 42, 183, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
f) 42, 184, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
g) 42, 188, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
h) 42, 308, 310(1) (a), 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
i) 18, 61, 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Kap 37 u 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
j) 7(1) u 12 tal-Kap 336 u 18, 42, u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
k) 188, 141, u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
l) 185, 141, u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;

Fil-konfront ta Carmel sive Charles Abela u Angelino sive Lino Abela:

a) 18,42 u 533 tal-Kodici Kriminali u 18,60 (a) (c) (e),61, 62 (a) (b) (c) (e) (f)(h) (i) (k) (m) tal-Kap 37;
b) 18, 42 u 533 tal-Kodici Kriminali u 7(1) u 12 tal-Kap 336;
c) 42, 167(1) u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
d) 42, 169, 18, u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
e) 42, 183, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
f) 42, 184, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
g) 42, 188, 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
h) 42, 308, 310(1) (a), 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
i) 18, 61, 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Kap 37 u 18 u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
j) 7(1) u 12 tal-Kap 336 u 18, 42, u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;
k) 188, 18, u 533 tal-Kodici Kriminali u 13 tal-Kap 249;

U ddecieda li jibghat lill-istess imputati sabiex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali a bazi tal-istess kumpilazzjoni u fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputati u dan wara li taghmel dak mitlub fl-istess nota.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma ghandhomx tali oggezzjoni (fol 1116 u fol 1122 ibid).

Semghet ix-xhieda in kontro ezami

Semghet lill-akkuzat Henry Cassar minn jeddu.

Rat l-estratt veru mill-att tal-mewt tal-akkuzat Roger Sullivan li miet fil-31 ta' Lulju 1994 u tal-akkuzat Mario Attard li miet fl-14 ta' Mejju 2001 (fol 1154 u fol 1269 ibid).

Semghet it-trattazzjoni u rat id-dokumenti esebiti mill-akkuzat (fol 1177 et seq ibid)

Ikkunsidrat

Illi l-ispettur Martin Bayliss spjega (fol 72 et seq ibid) illi fix-xahar ta' Jannar 1990 il-pulizija kienet giet informata mid-Dipartiment tad-Dwana, illi kien hemm numru ta' 'containers' li kienu inhargu b'mod illegali minn Laboratory Wharf, f'Rahal il-Gdid, u bhala konsegwenza kienet saret investigazzjoni kongunta bejn l-istess Dipartiment u l-pulizija. Dan il-kaz, specifikatament, kien jinvolvi tlett 'containers' bis-segwenti numri a) ITLU 517801/6, b) COMEU 100103/3 u c) COMEU 100102/2.

Illi l-istess xhud kompla biex jghid illi l-ewwel 'container' kien dahal f'Malta fit-13 ta' Ottubru 1989 u konsegwentement kien hemm ditta bl-isem "Alf Mizzi and Sons Ltd" waqt li t-tieni wiehed indirizzat lil ditta ohra bl-isem ta' "Fruit and Fish Importers Ltd" kien iddahhal f'Malta fid-29 ta' Settembru 1989 u it-tielet wiehed indirizzat lid-ditta "A Borg and Co Ltd" allegatament socjeta fittizja u inesistenti kien gie importat f'Malta f'data mhix specifikata. Dawn kollha kienu dahlu f'Malta fuq l-M.V. Pinto u kienu intenzjonati ghal trasbord. Pero fil-fatt kien instabu vojta f'Belt il-Hazna fil-Blata, il-Bajda. Dwar it-tielet 'container' imsemmi bin-numru COMEU 100102/2 ix-xhud ghamel referenza ghall-hekk imsejjah 'gate pass out' numru 184174 li jgib id-data tal-20 ta' Settembru 1989 minn fejn allegatament, jidher li l-istess 'contanier'

kien inhareg fuq truck numru G5031 mill-burdnar maghruf “tal-Alfaran” u r-rilaxx tieghu mid-Dwana kien sar wara li kien gie presentat id-‘declaration and disposal order’ (d and do) numru 03131 bid-data tat-18 ta’ Settembru 1989. Skond id-dokumenti relattivi, l-istess container kellu merkanzija varja, ossija elfejn, disgha u tmenin kaxxa kontenenti inbid, gobon u Whiskey. Pero minn dokumenti li ntbaghtu minn barra minn Malta kien allegatament irrizulta li l-istess container kien gie esportat lejn Malta minn ditta bl-isem ta’ “Il Pappagallo” u bhala konsenjatarju hawn Malta kien hemm socjeta lokali bl-isem ta’ “White Star Company Ltd”. Dwar <u>it-tieni container</u>, allegatament kontenenti gobon, kien jidher mill-‘gate pass out’ numru 126568 u datat is-6 ta’ Ottubru 1989, illi effettivament kien jikkontjeni ghagin u kien inhareg mill-istess burdnar imsemmi diga bi truck numru A9114 wara li gie presentat id-“D and Do” numru 03994 datat it-2 ta’ Ottubru 1989.

In oltre minn dokumenti barranin kien jidher, allegatament, illi kienu involuti l-istess socjetajiet li ghadhom kemm issemmew bhala l-esportaturi u l-importaturi. Dwar <u>l-ewwel contanier</u> saret referenza ghal ‘gate pass out’ numru 149245 datat it-18 ta’ Ottubru 1989 rilaxxat favur l-istess burdnar imsemmi u fejn intuza ‘truck’ bin-numru L9114. In oltre minn dokumenti rilaxxati minn Dwana barranija, l-istess container kellu bhala merkanzija elf, hames mija u disgha u sittin-il pakkett kontenenti x-xarba “bitter Campari”.

Waqt l-investigazzjoni ta’ dan il-kaz, kienu gew arrestati u investigati diversi persuni, allegatament involuti, kif rizultanti minn dokumenti. Di fatti l-akkuzati f’dan il-kaz irrilaxxaw <u>stqarrija bil-miktub kull wiehed</u>, liema stqarrijiet jinsabu annessi ma’ dawn l-atti a fol 88 sa fol 105 u mmarkati <u>Dok MB1 sa Dok MB 5.</u>

Ix-xhud spicca ix-xhieda tieghu billi <u>esebixxa d-dokumenti kollha</u> relattivi u relevanti ghal dan il-kaz gia imsemmi precedentemnt fix-xhieda tieghu u li jinsabu annessi f’envelope kannella a fol 106 ibid. In oltre esebixxa wkoll diversi dokumenti ohra, specifikatament ‘tally sheets’, ‘invoices’ u manifesti (Ara wkoll ix-xhieda tas-

supretendent tal-pulizija Lawrence Cauchi a fol 280 et seq ibid).

Illi, dejjem in rigward l-investigazzjoni tal-kaz ‘in desamina’ gie prodott Mario Gatt (fol 117, fol 130 u fol 154 et seq ibid), ‘assistent head’ tad-dipartiment tad-Dwana li kien ghen fl-invesitgazzjoni tal-istess kaz flimkien mal-pulizija u l-fizzjal tad-Dwana Louis Micallef. Dan spjega li hu kien indika lill-pulizija d-dokumenti li setghu kienu relevanti ghall-investigazzjoni tal- istess kaz. Skond l-istess xhud, kien irrizulta mill-investigazzjoni, illi contanier kien jasal f’Malta u ‘xi hadd’ kien jimla d-dokumenti relattivi sabiex l-istess container u l-kontenut tieghu jigu trasbordati minn Malta. In oltre “kien ikun hemm xi fizzjal tad-Dwana li jikkonferma li l-container ..... kien telaq minn Malta fuq Vapur” mimli bl-istess merkanzija meta wasal f’Malta. L-istess xhud semma illi l-container involut seta jinhareg minn ‘Laboratory Wharf’ permezz ta' dokumenti li kienu jinhargu mill-'Cargo Handling Company Limited' specifikatament il-‘gate pass out’ u dwar dan il-gwardjan tad-Dipartiment tad-Dwana li kien ghassa mal-‘gate’ ta’ Laboratory Wharf kien izomm record “ta xi jkun dahal u hareg...” Dwar il-containers hawn fuq imsemmija, x-xhud pero, qal li “Fill-fatt meta jinhareg container bhal dawk in ezami, li suppost siefru, ma kienx jidher li (i)nhargu mill-Laboratory Wharf”. Hu kompla billi qal, dwar il-contanier ITLU 517801, illi jumejn wara d-data specifikata fuq il-‘gate pass out’, l-istess container kien instab vojt f’Belt il-Hazna waqt li in rigward it-tnejn l-ohra, dawn kienu ‘trailers’. Hu pprecisa illi trailers vojta ma kienux jitpoggew f’din il-lokalita li ghadha kemm issemmiet.

Mill-istess investigazzjoni x-xhud spjega illi rrizulta li kemm il-container kemm iz-zewg trailers kienu tghabbew vojta fuq mezzi tat-trasport bil-bahar differenti izda mhux fuq dawk specifikati fuq dokument mahrug mill-fizzjali tad-Dwana nvoluti. Hawnhekk ix-xhud spjega, b’mod dettaljat, u a bazi tad-dokumenti esebiti mal-atti, il-movimenti kollha tal-container u trailers in ezami wara li l-wasla taghhom hawn Malta. Pero ghandu jigi nnotat illi dan ix-xhud, meta irrefera ghal firem fuq dawn id-dokumenti, iddeskriva dawn bhala ‘imharbxa’. L-istess

intqal in rigward 'inizjali' li hemm f'timbri tad-Dwana. In oltre, hu testwalment qal (fol 137 l-ahhar zewg paragrafi) "... fizzjal tad-Dwana jista, jekk irid, jara il-container jew trailer fizikament tiela fuq il-valpur, pero jista jaghmel il-verifiki tieghu mill-manifest tal-vapur li suppost il-container ikun tghabba fuqu". Dwar il-kontenut tal-istess container u trailer, ix-xhud kien talab l-assistenza tal-'Guardia di Finanza' fl-Italja. Din kienet baghtet, lix-xhud, kopja tal-fatturi ('invoices) li kienu juru il-kontenut, il-valur ta' dan, kif ukoll dwar min kienu x-'shippers' u l-'consignees'. Di fatti hu kien ircieva rapport li jgib id-data tas-26 ta' Lulju 1990, liema rapport jinsab esebit a fol 156 et seq ibid u mmarkat Dok MG1. (Dwar dan id-dokument ara dak verbalizzat u miktub a fol 152 ibid). Dwar dan hu semma li anness mieghu kien hemm id-dokumenti kollha li hu esebixxa wkoll mibghuta mill-"Guardia di Finanza" tal-Italja u dan dwar il-kontenut tal-istess container u trailers, ix-'shippers' involuti u l-konsenjatarji nvoluti hawn Malta. In konnessjoni ma' dan, ix-xhud semma lil "... jkun hemm lok illi l-prosekuzzjoni titlob ittri rogatorji lill-Qorti" (Ara 'Infra').

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni pproduciet diversi xhieda u provi ohra sabiex ikun ta' sostenn ghat-tesi taghha. L-ewwel wiehed kien John Schiavone (fol 319 et seq ibid) li bhala 'shipping executive' mad-ditta Alf Mizzi and Sons Ltd spjega li l-istess ditta ma kienitx involuta fl-importazzjoni tal-container u trailers in ezami u tal-kontenut taghhom. Di fatti hu spicca x-xhieda tieghu billi qal, in rigward il-container registrat bhla ITLU 517801/6 illi ".. dan il-container bix-xoghol indikat ahna qatt ma ordnajnih u qatt ma ircevejnih". Paul Borg (fol 327 et seq ibid) 'tally clerk' f'dan il-kaz inkarigat mad-ditta 'Sea Malta Company Ltd' irrefera ghal 'tally sheet' formanti parti mid-dokument immarkat Dok MB 34 kif ukoll dak immarkat bhala Dok MB 27. L-istess xhud, waqt li spjega kif kien involut in rgiward l-istess dokumenti, spjega illi minnhom jidher li fid-data indikata kien tnizzlu f'Laboratory Wharf il-container numru COMEU 100103/3 u it-trailer numru EA101. Anthony Gravino (fol 331 et seq ibid) irrefera, bhala 'tally clerk',

ghall-istess dokument immarkat Dok MB 34 u spjega li l-containers fuq din il-lista "... kollha telqu mimlija" u dan in vista li skond l-istess xhud '.. il-Cargo Handling" ma tinvolvix ruhha f'containers vojta. "Pero waqt li kien jirreferi ghal contanier 100103/3 Comeu u ghat-trailer EA101, skond hu, kien jirrizulta minn dan id-dokument illi "... dan il-container kien vojt". Michael Caruana bhal 'agency manager' tad-ditta Sea Malta Company Limited (fol 334 et seq ibid) wara li spjega l-procedura uzata f'kaz ta' merkanzija trasportata u importata f'Malta fuq wiehed mill-vapuri tal-istess ditta jew ta' ditti ohrajn, li taghhom ghandha l-agenzija, xehed dwar id-dokumenti mmarkati Dok MB 10 u Dok MB 11 u Dok MB 20 u Dok MB 19 u kkonferma li dawn id-dokumenti kienu effettivament mahrugin mid-ditta rapprestentata minnu u semma li fuq diversi 'bills of lading' ma kienx hemm il- firem tal-iskrivan jew skrivana fuq in-naha ta' wara taghhom. Dwar dan hu semma li ":.... xi kulltant lill-iskrivan jew skrivana din il-firma taqbizlu". Nicholas Camilleri inkarigat mill-ekwipaggjament tad-ditta Sea Malta inkluzi 'containers u trailers mikrijin minn din is-socjeta spjega l-movimenti tal-mezzi tat-trasport ta' merkanzija mill-wasla sat-tluq taghhom minn Malta. B'referenza ghal COMEU 100102/2 bit-trailer tieghu numru EA 101 dan kien prenotat sabiex jittella vojt fuq il-vapur "Pinto" fit-22 ta' Settembru 1989. In rigward il-container numru ITLU 517801/6 dan ukoll kien prenotat fuq l-istess vapur sabiex jittiehed lejn Livorno fl-10 ta' Novembru 1989 u dan wara li ddahhal vojt f'Belt il-Hazna fis-7 ta' Novembru 1989. Impjegat iehor tas-socjeta Sea Malta Joseph Falzon, (fol 344 u fol 363 et seq ibid) inkarigat mill-linja bejn Malta, Italja u Franza spjega, in rigward il-container ITLU 517801/6, illi dan kien gie importat f'Malta aventi bla 'consignee' id-ditta Alf Mizzi and Sons Ltd u bhala merkanzija fih kwantita ta' ton. Sussegwentement jidher li dan kien tghabba vojt fit-12 ta' Novembru 1989 f'liema data telaq minn Malta fuq il-vapur "Pinto". In rigward il-container COMEU 100102/2 bit-trailer EA 107 dan kellu specifikat bhala konsenjatarju hawn Malta "A Borg" bil-kontenut konsistenti f'gobon. Anke f'dan il-kaz, l-istess container bit-trailer kienu taghbbew vojta fit-22 ta' Settembru 1989 fuq l-istess vapur "Pinto". Fl-ahhar nett, in rigward il-contanier COMEU

100103/3 bit-trailer EA 101 jidher li gara l-istess bhal dak precedenti izda f'dati differenti u b'konsenjatarju differenti wkoll cioe is-socjeta "Fruit and Fish Importers Limited".

Illi Anthony Briguglio (fol 360) xehed dwar min kienu d-diretturi tad-diversi socjetajiet kummercjali msemmija waqt dawn il-proceduri. L-ewwel wahda li rrifera ghaliha kienet "Clearing and Forwarding Service Limited" u specifika li mill-15 ta' April 1981 il-quddiem dawn il-karigi kienu koperti minn John Abela u Charles Abela. Sussegwentement hu rrifera ghaz-zewg socjetajiet kummercjali ohra aventi bhala direttur flimkien ma' persuni ohra, lil Roger Ellul Sullivan, li pero kien miet waqt dawn il-proceduri. (Ara wkoll ix-xhieda ta' Vincent Camilleri a fol 374 et seq ibid). Janet Grech, impjegata fid-dipartiment tax-'Shipping' mad-ditta Sea Malta u li saret referenza ghaliha fix-xhieda ta' Michael Caruana (Ara supra) irreferiet ghad-dokument gia esebit u mmarkat Dok MB10 u l-ewwel dokument formanti parti minn dak mmarkat Dok MB 20. Fuq l-istess dokumenti konsistenti f''delivery order' numru 43541 u numru 42033, hi kkonfermat li dawn id-dokumenti kienet hargithom hi stess billi gharfet il-firma taghha fuqhom u li wara l-kliem "delivered to ...." hemm zewg ditti estranei ghal dan il-kaz.

Illi Peter Grima (fol 379 et seq ibid) xehed 'qua' persuna stazzjonata fid-dipartiment tad-Dwana dwar l-akkuzati Mario Attard u Henry Cassar. Permezz tad-dokumenti esebiti mmarkati Dok PG 1 u Dok PG 2 specjalment dan tal-ahhar hu spjega li Henry Cassar kien mit-2 ta' Jannar 1989 sat-22 ta' Frar tal-1990 f'nofs-in-nhar stazzjonat fl-'outer groups' f'Laboratory Wharf fil-Marsa waqt li Mario Attard mill-1 ta' Jannar 1989 sal-4 ta' Frar 1990 kien stazzjonat fil-'gate' tal-istess wharf. Pero f'certi granet Henry Cassar kien fl-istess perjodu stazzjonat fil-Port Hieles Kalafrana (Ara fol 356 u fol 357 ibid).

Illi Martin Borg (fol 388 et seq ibid) li hu 'tally clerk' xehed dwar zewg 'tally sheets' wahda formanti parti mid-dokument mmarkat Dok MB19 u l-ohra mmarkata Dok MB 17. Iz-zewg dokumenti huma datati s-16 ta' Settembru 1989 u jirreferu ghal trailers u containers li tnizzlu f'Malta

minn fuq il-vapur Pinto f'din id-data. Hu rrifera, b'mod specjali ghat-trailer numru EA 1073878 LI b'container 100102/2 li hu deskritt bhala 'sealed' ossija li kien issigillat mid-Dwana barranija peress li kien mimli.

Alfred Cappello (fol 395 u fol 484 et seq ibid) xehed 'in estensio' u spjega li hu kien spettur inkarigat minn Laboratory Wharf fejn ix-xoghol principali huwa l-hatt u l-esportazzjoni ta' containers. Hawnhekk hu spjega l-procedura meta jinhattu containers minn fuq vapur, dejjem fil-presenza ta' fizzjal tad-Dwana sabiex dan jara xi jkun qed jitnizzel minn fuq il-vapur u jinnota kollox fuq 'tally sheet' kif jsir ukoll f'kaz ta' containers li jkunu qed jitghabbew fuq vapur. Fuq l-istess 'tally sheet' il-fizzjal involut irid inizzel l-isem tal-vapur, il-port tal-hatt, in-numru tal-kull container u tas-sigilli barranin, jekk hemm, kif ukoll in-numru tas-sigilli lokali. In oltre, hemm kolonna fejn l-istess fizzjal inizzel kull ma jkun innota in rigward xi container. Dwar dan, ix-xhud spjega li l-fizzjali jinbidlu kull erba' sighat ghalhekk hu probabbli li waqt il-hatt ta' containers minn fuq vapur jkun hemm involut aktar minn fizzjal wiehed. Sussegwentement meta container irid jinhareg mid-Dwana minn Laboratory Wharf, irid ikun hemm l-awtorizazzjoni. Difatti l-importatur, jew l-agent ta' dan irid izid l-awtorizazzjoni f'dan il-kaz, mill-container section flimkien ma' dokumenti ohrajn bl-informazzjoni kollha necessarja u inkluz il-'pass' tal-gwardjan tad-Dwana, liema dokument jigi ffirmat mill-iskrivan tad-Dwana u jigi ttimbrat id-'d and do'.

Hawnhekk, f'dan l-istadju, jigi mahrug mis-socjeta 'Cargo Handling Company Limited' il-'gate pass out' u l-procedura ghal hrug ta' container tidher li tkun finalizzata. Fil-'gate', wara li jaghmel il-verifiki necessarji, il-gwardjan fil-bieb ta' Laboratory Wharf jittimbra l-'pass' mahrug mid-Dwana u jiffirmah, liema 'pass' jinzamm mill-istess gwardjan. In oltre, l-istess gwardjan inizzel l-informazzjoni kollha fuq 'sheet' apposta waqt li l-istess 'sheets' jigu iffirmati mill- istess gwardjan. In oltre, fi tmiem ta' kull gurnata, l-passes kollha jittiehdu lura l-ufficju tad-Dwana fejn jinzammu ghalihom. In rigward containers ghall-espor-tazzjoni jew ghat-trasbord, hu

rrefera ghall-hekk imsejjha “TSBs’ u l-‘loading lists’, fejn fizzjal tad-Dwana irid jindika fuq l-ewwel dokumenti msemmija, illi hu kien ra l-container abbord ossija ’shipped and seen on board’. Wara, hu kompla jispjega x’ghandu jsir minn fizzjal tad-Dwana dwar container ghall-esportazzjoni jew trasbord fuq it-‘tally sheet’ relattiva u dwar l-informazzjoni li trid titnizzel minnu fuq dan id-dokument. Fl-ahhar nett ix-xhud specifika illi “Jiena m’hiniex f’pozizzjoni, jekk jintwerewli d-dokumenti kollha esebiti fil-process, sabiex naghraf il-firem fuqhom”. In kontro ezami, l-istess xhud kompla biex jghid illi “Timbru bhal dak li jirreferi ghax-‘shipped and seen on board’ ikun ’available’ ghal kullhadd “peress li dan ikun fuq il-counter” u li timbri u d-dokumenti kollha jinsabu taht saqaf wiehed u l-ispetturi inkarigati minn general duties “ikollhom ukoll ic-cwievet ghad-Dwana u jkollhom access ghal post in kwistjoni”. In oltre hu ma setax jirrispondi dwar jekk fizzjal inkarigat ikunx dejjem vicin il-vapur waqt il-hatt jew taghbija ta’ containers. Difatti hu ma kienx f’pozizzjoni li jghid jekk kull fizzjal kienx jottempra ruhu dejjem mal-procedura kif giet spjegata minnu ampjament fix-xhieda tieghu. Fl-ahhar nett hu semma, specifikatament, dwar l-akkuzat Henry Cassar li dan ghal xi zmien kien gie trasferit fil-Marsa Ship Building u ulterjorment hu spjega illi fl-20 ta’ Settembru 1989 u fit-18 ta’ Ottubru 1989 fuq il-Lab Wharf Counter kien hemm xoghol Henry Cassar u zewg fizzjali ohra fl-ewwel data waqt li fit-tieni data kien hemm l-istess Henry Cassar u tnejn ohra. (Ara wkoll ix-xhieda ta’ Anthony Sammut a fol 408 et seq ibid u a fol 412 fejn issemma wkoll li kienet prattika normali li fizzjal jafda fizzjal iehor u jiffirma ghal dan u “ma neskludix li xi xoghol relattiv kien sar mhux minn fizzjal li jiffirmah, izda anke minn fizzjali ohrajn”).

Illi Karl Gollcher (fol 421 et seq ibid) f’isem id-ditta imsemmija fix-xhieda tieghu xehed, wara li ra d-dokumenti mmarkati Dok MB17B u MB25, u kkonferma li dawn kienu ‘tally sheets’ u manifest rilaxxati mill-istess ditta in rigward il-vapur ‘Salahala’, vis-s-vis id-data tas-27 ta’ Settembru 1989, li fuq dawn id-dokumenti ma kienx hemm imnizzlin it-trailer EA107 akkumpanjat mill-COMEU100102/2. In oltre hu kien esebixxa dikjarazzjoni (fol 429 tal-atti) li

permess taghha hu sostna li hu “did not trace any container as having been loaded on the vessels as stated hereunder” fosthom il-container trailer EA107 (100102/2) fuq il-vapur ‘Emadala’ u fid-data tas-27 ta’ Settembru 1989. L-istess kien irrrizulta minn verifiki li hu kien ghamel dwar it-trailer u container EA 101 (100103/3) kif jidher mit-tieni dikjarazzjoni a fol 430 u mit-tielet dikjarazzjoni a fol 431 b’referenza ghaz-zewg trailers u container ohra in ezami. Dan id-dokument, effettivament juri li dawn ma kienux tghabbew fuq il-vapuri msemmija fid-dati specifikati fl-istess dikjarazzjonijiet.

Sussegwentement minn diversi dokumenti formanti parti mill-imsemmi Dok MB hu ssottolinea li diversi minnhom fosthom manifesti ma kienux tad-ditta rappresentata minnu (Ara wkoll ix-xhieda ta’ Joseph Azzopardi a fol 456 u fol 486 ibid li esebixxa id-dokumenti ossija manifesti a fol 461 ibid).

Illi Carmelo Vella (fol 432 et seq ibid) ikkonferma b’referenza ghad-dokument mmarkat Dok MB14 u li ghandu d-data tat-18 ta’ Ottubru 1989 illi f’din id-data kien qed ‘nghin’ ‘ossija nassisti’ bhala ‘contingent’ lill-akkuzat Mario Attard”, dan tal-ahhar gwardjan fiss, mal-‘gate’ ta’ Laboratory Wharf. Ix-xoghol tieghu kien jibda mit-8.00am sal-5.00pm. Wara li spjega x’kien dak li kien jaghmel meta kien jassisti lil Mario Attard. Hu gharaf dan id-dokument bhala lista li ssir fil-‘gate’ in rigward il-containers dehlin u hergin mill-istess ‘wharf’. Dwar l-items imnizzlin f’dan id-dokument, ossija lista, hu stqarr u xehed li l-istess items imnizzlin minnu fuqha huma madwar ghaxra ossia ’dawk bl-inka sewda’ u dan isir meta gwardjan ikun assenti waqt li r-rimanenti kienu imnizzlin mill-istess Mario Attard, bix-xhud jaghmel il-verifiki necessarji. Fl-ahhar nett hu xehed wkoll li “.. .. fuq din il-lista it-trailer EA107 kif ukoll il-container 1002102/2 ..... fuq din il-lista ..... ma humiex imnizzlin”.

Illi Raymond Spiteri (fol 437 ibid) b’referenza ghad-dokument mmarkat MB33 ikkonferma li l-‘items’ kollha imnizzlin fuq din il-lista tnizzlu minnu peress li fis-6 ta’ Ottubru hu kien dettaljat fil-‘gate’ ta’ Laboratory Wharf.

Dwar l-istess lista, hu specifika li l-containers imnizzlin fuqha kienu kollha ‘dehlin’ gol-istess Laboratory Wharf.

Illi Brian Grima (fol 440 ibid) irrefera ghall-ahhar dokument imsemmi u mmarkat Dok MB 33 u datat is-6 ta’ Ottubru 1989 . Hu irrefera ghaz-zewg ismijiet fuq dan id-dokument, cioe B Grima -- hu stess u M Attard, l-akkuzat. Pero, hu ma setax jiftakar jekk kienx dettaljat mal-‘gate’ tal-istess ‘wharf’ peress li hu kien pjuttost gdid fl-impieg tieghu u kien jinghata ‘duties’ f’diversi postijiet fid-Dwana sabiex jitharreg. Hawnhekk hu gharaf, fuq l-istess dokument, sitt ‘items’ bhala imnizzlin minnu. B’referenza ghall-istess lista hu ma rax imnizzlin fuqha l-container 100103/3 u t-trailer EA 101 u ghalhekk qal li dawn ma hargux fil-gurnata in kwistjoni mill-gate.

Illi Anthony Busuttil (fol 152 ibid) inkarigat mill-kontroll ta’ containers f’Belt il-Hazna, qal li dawn jinhargu minn, jew jidhlu, minn dan il-post, u dan dejjem vojta. Hu xehed li hu impjegat mas-socjeta Sea Malta Company Limited. Hu xehed dwar id-dokument immarkat Dok MB15 u kkonferma dak li kien miktub minnu ‘di propria mano’ u li fuqu hemm imnizzel il-container ITLU 517801/6 bhala wiehed li ddahhal vojt f’Belt il-Hazna fis-7 ta’ Novembru 1989.

Illi George Alden ossija Alten (fol 473 ibid) bhala ‘tally clerk’ irrefera ghal wiehed mid-dokumenti mmarkat Dok MB19 ossija ‘tally sheet’ datat it-22 ta’ Settembru 1989 specifikatament xehed li ma kien qed jaghraf l-ebda firma fuqu.

Illi George Gravino (fol 475 ibid) gie prodott sabiex jixhed dwar id-dokument immarkat Dok MB 34 ukoll ‘in parte’ cioe ‘tally sheet’ datata id-9 ta’ Ottubru 1989 u li kienet lista ta’ containers miktuba minnu stess, liema containers tghabbew fuq il-vapur ‘Pinto’ f’din id-data. Fuq din il-lista, kien hemm inkluz il-container numru 100103/3 bi trailer numru EA101 bhala li tghabba vojt fuq l-istess vapur f’din id-data.

Illi Anton Schembri (fol 471) irrefera ghal diversi dokumenti, dawk immarkati MB10, MB20 u MB34. Dan ikkonferma li l-ewwel zewg dokumenti kienu ‘delivery orders’ mahrugin mid-ditta Sea Malta Company Limited bl-ewwel tnejn iffirmata minn Janet Grech (ara supra) u l-ahhar wiehed minn Jesmond Zammit.

Illi b’referenza ghat-talba maghmula mill-prosekuzzjoni sabiex jinstemghu provi permezz ta’ ittri rogatorji ta’ diversi xhieda, liema talba kienet giet milqugha mill-Qorti, wiehed jista jara li hemm volum shih ta’ atti li fih jinsabu dawk relattivi ghall-istess talba milqugha (fol 490 sa fol 857 ibid) (Dwar dan ara infra).

Illi PC 541 Patrick Falzon (fol 861 ibid) xehed dwar vetturi imsemmija f’dawn l-atti u beda billi xehed illi vettura tal-marka Fiat Regata numru G 5031 kienet, minn Lulju 1985, registrata fl-ufficju tal-Licenzji tal-pulizija fuq isem Anthony Vella minn Naxxar, illi vettura maghrufa bhala ‘mechanical horse’ numru T 6839 tal-marka Foden kienet registrata, mis-26 ta’ Jannar 1982 fuq John Abela mill-Hamrun, illi vettura ohra ‘mechanical horse’ ukoll numru L9114 kienet, mis-7 ta’ Awissu 1989, registrata fuq Michael Zammit minn Hal Qormi u illi fl-ahhar nett vettura tal-marka Skoda Favorit numru L 1904 kienet registrata, mis-26 ta Dicembru 1989, fuq Ernest Said minn Santa Venera.

Illi Joseph Azzopardi (fol 863 ibid) ‘tally clerk’ mas-socjeta O. F. Gollcher and Sons Limited xehed dwar manifest immarkat Dok MB10 liema manifest ma kienx iffirmat u b’hekk ma setax jispecifika min kien li hareg l-istess manifest, u dwar dokument iehor immarkat Dok MB 17B konsistenti f’’tally sheet’ maghmul mis-socjeta imsemmija u kien jirreferi ghal kull item li kien ittella abbord fuq il-vapur hemm imsemmi. L-istess dokument kien iffirmat mill-istess xhud u hu sostna li l-containers COMEU 100103/3 u ITLU 517801/6, a bazi tal-istess dokument, ma kienux tghabbew fuq il-vapur ‘Salahala’ fid-data in kwistjoni.

Illi ghall-istess ditta gie prodott xhud iehor Joseph F Bonnici (fol 865 ibid) izda in rigward zewg dokumenti ohra mmarkati Dok JA1 u Dok JA2, ossija zewg manifesti ghall-esportazzjoni datati s-27 ta' Dicembru 1989 u t-30 ta' Ottubru 1989, iffirmati mill-istess xhud u jirreferu rispettivament ghall-vapuri Salahala u Emadala. Anke hawnhekk, ix-xhud ikkostatata li fuq dawn id-dokumenti ma hemm ebda referenza ghall-containers u trailer involuti f'dan il-kaz.

In oltre, in rigward id-dokument immarkat Dok MB 10 hu, fis- sustanza ikkonferma dak li xehed ix-xhud precedenti Joseph Azzopardi.

Illi Joseph Attard (fol 869 ibid) xehed in konnessjoni ma' diversi dokumenti principalment l-hekk imsejjha 'transhipment shipping bills' ossija "TSBs' esebiti in atti bhala Dok MB 13, MB23 u Dok MB31, pero ma setax jghid ta' min kienu l-firem u t-timbri fuq dawn id-dokumenti. (Fuq l-istess punt ara x-xhieda ta' Alfred Cappello riprodott a fol 875 ibid).

Illi Emanuel sive Noel Spiteri (fol 879 et seq ibid) impjegat bhala 'port delivery clerk' spjega li, a bazi tad-'delivery order' tal-agent, l-hekk imsejjah 'D and Do' jinhareg il-'gate pass out'. Dwar dan hu irrefera ghal serje ta' 'gate passes out' esebiti bhala dok MB26 u beda billi xehed dwar wiehed bin-numru 126568 bid-data tas-6 ta' Ottubru 1989 bl-isem, ossija laqam, ta' "Alfaran" miktub fuqu bhal ma huma miktubin l-isem tad-ditta importatrici "Fruit and Fish Importers" u in-numru tat- trailer EA 101. Dwar il-firma hu sostna li din ma kienitx tieghu u in rigward iz-zewg firem ma kienx qed jaghrafhom waqt li kienet tidher li wahda kienet ta' "xi hadd" bl-isem u kunjom ta' "Charles Cutajar". Dwar dokument iehor, li kien nieqes mid-'D and Do' li suppost kienet annessa mieghu (Dok MB 30) hu semma li l-firma fuq dan id-dokument kienet tidher li hi ta' certu 'Dimech' waqt li fejn hemm 'consignee' tidher li hemm il-firma ta "... xi hadd Abela", b'Alfaran u 'in brackets'. Hawnhekk hu semma li dan tal-ahhar kien il-laqam ta' burdnar u gharaf fost l-akkuzati tnejn b'dan il-laqam cioe l-imputati bil- kunjom Abela.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-atti f'dawn il-proceduri, instemghu diversi xhieda barranin, permezz ta' ittri rogatorji. In oltre, in atti (a fol 88 et seq ibid) jinsabu annessi diversi stqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati. Hawnhekk ikun opportun li l-ewwel nett issir referenza ghal dawn l-istqarrijiet fl-ordni li dawn jinsabu hawn annessi:

a) Fil-mori ta' dawn il-proceduri (ara supra) kienu mietu tnejn mill-akkuzati , Roger Ellul Sullivan u Mario Attard.

b) Henry Cassar stqarr hu kien stazzjonat f'Laboratory Wharf ghal perjodu ta' madwar sena u tlett xhur u 'haseb' li kien stazzjonat hemmhekk matul l-ahhar tlett xhur tal-1989. Sussegwentement, muri id-'D and Do' numru 03132 bid-data tat-18 ta' Settembru 1989 hu sahaq li l-firma hemmhekk ma kienx qed jaghrafha u ma kienitx tieghu. L-istess qal in rigward "T.S.B." numru 2635 datata is-27 ta' Settembru 1989 waqt li in rigward il-'tally sheet' tad-Dwana vis-a-vis il-vapur 'Pinto' datata is-16 ta' Settembru 1989, specifikatament in rigward l-entratura numru 5 din ma kienitx miktuba bil-kaligrafija tieghu. In rigward TSB numru 3047 bid-data tat-30 ta' Ottubru 1989 hu wera ruhu li kien kwazi cert (99 %) li l-firma kienet tieghu waqt li in rigward 'tally sheet' tad-Dwana, entratura numru 34 in konessjoni mal-vapur Pinto, bid-data tal-15 ta' Ottubru 1989 il-kaligrafija fil-kolonna 'importer' u 'remarks', in konnessjoni mat-'TSB 3047 for Amadala 30/10' u l-inizzjali kienu miktubin minnu. Ghalhekk hu gie mitlub jispjega kif minn dan l-ahhar zewg dokumenti kien jidher li l-container ITLU 517801/6 kien gie trasbordat waqt li minn dokumenti ohra rrizulta li l-istess container kien tnizzel f'Malta fit-18 ta' Ottubru 1989 u kien gie zvujtat f'Malta u kien iddahhal vojt f'Belt il-Hazna fis-7 ta' Novembru 1989 u ghalhekk ma kienx telaq fuq il-vapur Emadala "kif iccertifikajt int'. Dwar dan il-punt, l-akkuzat sahaq, kif gia xehedu diversi xhieda waqt dawn il-proceduri, illi fiz-zmien in ezami kienet il-prattika illi 'waqt illi vapur jghabbi l-merkanzija, il-fizzjal tad-Dwana ma kienx ikollu ghalfejn joqghod hdejn il-vapur ghax bil-loading list' tal-vapur .... bilfors li dan il-container kien imnizzel fil-loading list" In oltre ".. .. setgha gara l-kaz illi l-container jitla fuq fizzjal u jittimbra kollox l-ahhar fizzjal".

In oltre, skond Henry Cassar, seta gara l-kaz ukoll illi jkun hemm fizzjali ohra (‘outside station’) li hadmu b’’overtime’ u jkunu hallew ‘il-file’ relattiv minghajr ma’ jinghalaq”. Hawnhekk hu gie muri ‘tally sheet’ tad-Dwana bid-data tad-29 ta’ Awissu 1989 kif ukoll TSB numru 2881 relattiv ghat-‘trailer’ EA 101 u COMEU 100103/3 hu gharaf il-firma, il-kaligrafija, u l-inizjali fuq dawn id-dokumenti, rispettivament bhala tieghu (“Dawn iffirmajthom), wara li rajt il-‘loading list’ li jkun hemm Lab wharf”). Pero hu zied ukoll li “ma nistax nispjegah, ghax ma nafx”. Fl-ahhar nett hu sahaq “nahlef li ma kont imqabbad minn hadd u anqas biss kont naf bil-bicca tax-xoghol kif kienet qed tinhadem” (Ara wkoll ix-xhieda taht gurament ta’ dan l-akkuzat).

<u>Carmel sive Charles Abela</u> semma li hu involut ma’ kumpanija li tkun inkarigata mill-garr ta’ merkanzija mix-xatt ghall-imhazen tal-importaturi kif ukoll minn post ghal post, kemm internament, kemm anke barra minn Malta. Hu kkonferma illi l-laqam tieghu u tal-familja tieghu huwa “Tal-Alfaran”. In rigward xoghol ta’ garr minn pajjiz barra minn Malta ghal Malta, l-istess ditta tuza ‘trailers’, b’kollox tmienja. In rigward ix-xoghol tieghu, jidher li dan jirreferi ghal gabra ta’ dokumenti, minghand il-persuni involuti, l-importaturi, kif ukoll f’kaz ta’ importaturi zghar, l-ipprocessar tal-karti, ossija dokumenti tad-Dwana. Dwar il-kaz in desamina, hu sahaq, meta muri diversi dokumenti, principalment ‘gate pass out’ u ‘crane permit’ illi in rigward ‘trucks’ imnizzlin fuq dawn id-dokumenti “... anqas ghandna trukkijiet b’dak in-numru” jew “il-firma ..... mhux tieghi” jew “Firma tieghi fuq dan id-dokument ma hemmx”, jew “ firma tieghi fuq dan id-dokument ma tidher imkien”.

<u>Angelino sive Lino Abela</u>, hu l-akkuzat ta’ qabel jidher li hu involut fil-garr effettiv ta’ merkanzija, anke minn barra minn Malta, sahaq li ma jkollux x’jaqsam in rigward l-istess dokumenti gia imsemmija, jew li l-firma ma kienitx tieghu, jew li ma jiftakarx jekk “.. .. ghandna truck b’dan in-numru”. In oltre hu sahaq li f-firma fuq <u>fattura</u> mahruga mid-ditta barranija “Il Pappagallo” ma kienitx tieghu, In oltre, hu cahad li xi darba kien ta struzzjonjiet lid-ditta baranija “Comesmar spa” in rigward il-container u trailer in

ezami jew dwar kif ghandu jimtela l-kontenut tad-dokumenti relattivi.

Illi dwar is-smiegh ta' xhieda barranin, permezz ta' ittri rogatorji, issir referenza a fol 1056 tal-atti, fejn hemm esebiti r-risposti kif tradotti fil-lingwa maltija. Minn dawn jidher li z-zewgt'ahwa maltin, b'wiehed minnhom jismu Mario, kienu jakkwistaw minghand id-ditta taljana "Fratelli Federici Spa", kwantita ta' flixken ta' "Campari" u "Whiskey" u jhallsu bi flus kontanti, lil Giovanni Gilarducci, responsabbli ghad-ditta "Comesmar". Semma li hu kien jaf biss li l-merkanzija kienet 'container fridge' izda ma setax jghid xejn dwar il-kontenut. Hawnhekk hu qal ukoll li "Ma nafx dawn id-ditti hlief ghall isem Lino Abela li ....... jirrizulta li hu id-driver imsemmi, li ditta Fratelli Federici Spa" skond Franco Federici "m'ghandu l-ebda interess f'operazzjoni fittizji ... .. lanqas fl-imputati li assolutament ma nafx....."

Sussegwentement, jidher li dan ix-xhud irrefera ghas-socjeta "Pappagallo S.R.L" bhala klijenta tas-socjeta rappresentata minnu u spjega l-involviment ta' din is-socjeta permezz ta' dokumentazzjoni li tinsab esebita in atti, li Giuseppe Cipollini, f'isem is-socjeta Pappagallo S.R.L semma bejgh li sar lil certu " Jo Wella" ta' prodotti alimentari. Dan ukoll semma lil "Roger Sullivan' bhala ordnatur tal-merca, li meta kien gie deskritt il-kontenut tal-containers/trailers involuti, id-deskrizzjoni ta' dan il-kontenut kienet inghatat minn certu 'Abela Lino' u dan bhala gobon u tonn, mentre fil-fatt il-merkanzija kienet pasta, imbid ahmar u abjad, 'Campari', 'Gin', 'Rum' u lbies.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher mill-premess, il-pulizija u d-Dwana lokali svolgew <u>investigazzjoni komplessiva</u> li rrizultat f'dan il-kaz u kazijiet ohra li kienu jinvolvu volumi ta' provi, akkwantu enormi. Wara li din il-Qorti ezaminat, bir-reqqa, l-istess provi, u kemm jista jkun issintetizzathom skond kif jirrizulta 'supra', jidher li:

a) Ma hemm ebda dubbju li gew kommessi diversi delitti sabiex isir kuntrabandu ta’ prodotti hawn Malta. Difatti, in rigward il-containers/trailers’ in ezami, irrizulta illi dawn kienu qedin jigu importati hawn Malta ghall-iskop ta’ trasbord. Pero permezz ta’ vapuri, l-istess containers/trailers, effettivament kienu iddahhlu gewwa Malta, bil-kontenut taghhom kif hawn fuq rizultanti, u l-istess containers/trailers kienu telqu minn Malta vojta.

b) Dan premess, il-Qorti trid tara jekk l-akkuzati Henry Cassar, Angelino sive Lino Abela u Carmel sive Charles Abela, kienux involuti fil-kummissjoni tad-delitti addebitati lilhom skond l-artikoli tal-Avukat Generali hawn fuq citati;

c) L-istess akkuzati, waqt it-trattazzjoni tal-kaz, mill-abbli difensuri taghhom, ghamlu referenza ghal kazijiet ohra, decizi finalment, (Ara fol 1177 sa fol 1236 ibid), liema kazijiet kienu jittrattaw materji u akkuzi, wiehed jista jghid, identici ghall-kaz in desmina, u b’certi mill-akkuzati li jidhru, li fil-fattt kienu l-istess. Minn studju tal-istess decizjonijiet, wiehed jista jara li l-akkuzati kollha kienu gew liberati peress li:

1) Ma saret l-ebda analizi kaligrafika ta’ diversi dokumenti, fosthom il-‘gate pass out’ imsemmija u l-firem fuq dawn id-dokumenti;

2) In rigward trucks li ntuzaw, ma ingiebet ebda prova li dawn jappartjenu lil min iffirma l-istess ‘gate pass out’;

3) Jissussisti dubbju ragonevoli dwar min seta kien li uza l-istess ‘gate pass out’;

4) Fiz-zmien in kwistjoni kien hemm proceduri pjuttost flessibbli fil-hrug ta’ containers mid-Dwana. Difatti b’mod partikolari, kien gie nnotat illi kontrarjament ghal dak li jkun imnizzel fuq id-dokument relevanti, l-istess dokumenti jistghu jkollhom fuqhom dati differenti minn dak ta’ meta fil-fatt jkun inhareg container partikolari;

5) Mal-‘gate’ ta’ Laboratory Wharf kien jkun hemm stazzjonati zewg gwardjani. Pero, ghal xi raguni, ittiehdu proceduri kriminali kontra wiehed minnhom biss;

6) Ma kienx jsir ‘checking’ b’mod okulari ta’ containers li kienu qed jinhattu, jew jitghabbew minn fuq vapur;

7) Li s-sistema ta’ sigurta in rigward timbri kienet inesistenti u b’hekk kull impjegat kellu access liberu ghalihom jekk kellu l-intenzjoni li jaghmel dan.

Illi jekk wiehed jara u jezamina bir-reqqa, il-provi kollha prodotti f’dan il-kaz, jidher car li jissussistu c-cirkostanzi kollha esistenti fil-kazijiet citati u decizi u li fihom l-akkuzati kollha kienu gew liberati wara li ma nstabux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Illi di fatti ma ngiebet ebda prova quddiem din il-Qorti, li a bazi taghha setghet tikkonkludi li l-akkuzati huma, minghajr ma jissussisti dubbju gravi dwar l-istess htija, u ghalhekk din il-Qorti thoss li anke f’dan il-kaz, l-esitu ghandu jkun l-istess bhal dak fis-sentenzi citati u esebiti in atti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dan il-kaz fil-konfront tal-mejtin Roger Ellul Sullivan u Mario Attard, issib lill-akkuzati l-ohra mhux hatja u tilliberahom minn kull akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------